



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0422/2013

2.12.2013

***|

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova (COM(2013)0678 – C7-0305/2013 – 2013/0325(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Iuliu Winkler

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewwg kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	8
PROĊEDURA.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
(COM(2013)0678 – C7-0305/2013 – 2013/0325(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0678),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0305/2013),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għall-Kummerċ Internazzjonal (A7-0422/2013),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Bil-għan li jiġu garantiti l-kontinwità tal-flussi kummerċjali mill-Moldova u c-ċertezza tad-dritt għall-operaturi ekonomiċi, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ japplikaw mingħajr intaruzzjoni sad-data ta' skadenza fissata fir-Regolament (KE) Nru 55/2008;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda timmira li ddaħħal fil-proposta tal-Kummissjoni premessa ġdida, li tikkorrispondi għat-tħassir tar-riferimenti għall-eżenzjoni tad-WTO prevista fl-emenda 2 ta' hawn taħt.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – paragrafu -1 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**-1. Fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE)
Nru 55/2008, jitħassru t-tielet, ir-raba' u
l-ħames paragrafi.**

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 16, paragrafi 3, 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 55/2008 jirreferu għall-eżenzjoni mogħtija mid-WTO lill-UE bil-ġhan li jingħata trattament preferenzjali għall-importazzjonijiet ta' ċerti ogħetti mill-Moldova. L-eżenzjoni preżenti sejra tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013. Il-Kummissjoni ppreżentat lid-WTO talba għal proroga tal-eżenzjoni preżenti sal-31 ta' Diċembru 2015. Fl-istennija tad-deċiżjoni tad-WTO, huwa importanti li tiġi garantita l-kontinwità tal-flussi kummerċjali mir-Repubblika tal-Moldova, b'hekk tingħata ċertezza tad-dritt lill-operaturi ekonomiċi. Ir-riferimenti għall-eżenzjoni tad-WTO għandhom għaldaqstant jitħassru mir-Regolament.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **l-għada tal-pubblikazzjoni** tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Ġustifikazzjoni

Wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-limitazzjonijiet taż-żmien għall-adozzjoni tar-Regolament li jemenda, huwa importanti li jiġi aċċertat li jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli wara l-pubblikazzjoni. Bil-ġhan li jiġi evitat ittardjar fl-applikazzjoni tal-preferenzi awtonomi għall-kummerċ emendati għall-Moldova u biex tiġi garantita l-kontinwità u c-ċertezza tad-dritt,

huwa importanti li tiġi ffissata d-data tal-applikazzjoni fl-1 ta' Jannar 2014.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 jistabbilixxi preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova permezz tat-tnejħiha tat-tariffi kollha għall-prodotti industrijali u tat-titjib tal-aċċess għas-suq tal-UE għall-prodotti agrikoli. Skont ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2015. L-applikazzjoni ta' tali Regolament wara l-1 ta' Jannar 2013 tiddeppendi mit-tlestitja b'suċċess ta' ċerti proċeduri fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). L-Unjoni Ewropea bdiet tali proċeduri u bħalissa għadu mhux magħruf iż-żmien tat-tlestitja tal-proċeduri. Għaldaqstant, qabel it-tlestitja tal-proċeduri tad-WTO, huwa importanti li tiġi garantita l-kontinwità tal-flussi kummerċjali mir-Repubblika tal-Moldova sal-31 ta' Diċembru 2015. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi garantita c-ċertezza tad-dritt għall-operaturi ekonomiċi biex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jkomplu jimportaw f'konformità mar-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ japplikaw mingħajr interruzzjoni sad-data ta' skadenza fissata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008.

PROĊEDURA

Titolu	Il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova		
Referenzi	COM(2013)0678 – C7-0305/2013 – 2013/0325(COD)		
Data meta' ġiet ippreżentata lill-PE	25.9.2013		
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 8.10.2013		
Kumitat(i) mitlub(a) jaġhti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 24.10.2013	AGRI 8.10.2013	
Opinjoni(jet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	AFET 7.10.2013	AGRI 30.9.2013	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Iuliu Winkler 14.10.2013		
Rapporteur(s) preċedenti	Vital Moreira		
Eżami fil-kumitat	5.11.2013		
Data tal-adozzjoni	28.11.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	29 0 1	
Membri preżenti ghall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Nora Berra, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, George Sabin Cutاش, Marielle de Sarnez, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Henri Weber, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Paweł Zalewski		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Tokia Saifi, Marietje Schaake, Jarosław Leszek Wałęsa		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Phil Bennion, Jutta Haug, Anthea McIntyre, Katarína Neved'álová, Marc Tarabella, Nikola Vuljanić, Roberts Zīle		
Data tat-tressiq	2.12.2013		